Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut,
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 35

Data tal-laqgħa: 29 ta` Mejju, 2017

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 35.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ta` Laqgħa Numru 34

35.1.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tal-Erbgħa u tletin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

35.1.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 35.2 Punti li joħorġu mill-Minuti

35.2.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li rċiviet ir-risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Ċirkulari Nru 9/2017 – Inizjattiva Finanzjarja għal attivitajiet kulturali mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

35.2.1.2 Il-Kunsill staqsa jekk jistax japplika għal sena waħda biss peress li fl-2019 jaf ikun hemm bidla fil-kunsilliera peress li jkun hemm l-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali. Ir-risposta tad-Dipartiment kienet li skond il-*guidelines*, il-Kunsill iris jissottometti programm għal tliet snin.

35.2.1.3 Il-Kunsill iddeċieda li ma japplikax għal din l-iskema għax jaħseb li mhux sew li jobbliga Kunsill ġdid jorganizza attivita` li ma kienx involut fiha.

35.2.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li rċiviet ir-risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Ċirkulari Nru 5/2017 – Inizjattiva Finanzjarja – Skema Attivitajiet Kulturali mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

35.2.2.2 Il-Kunsill talab lid-Dipartiment sabiex l-attivita` *Balzan Arts and Music Festival* 2017 tiġi posposta għal Settembru peress lid-data stabbilita oriġinarjament inzertat ġiet lejliet l-Elezzjoni Ġenerali. Id-Dipartiment approva din it-talba.

35.2.2.3 Il-Kunsill unanimament qabel li l-attivita` ssir nhar il-Ġimgħa 15 ta` Settembru 2017.

## 35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

35.3.1 Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li l-installazzjoni u testing ta` *network cabelling* fl-uffiċċju l-ġdid lest. Infurma wkoll li l-*fridge*, il-*microwave,* l-iskrivaniji u s-siġġijiet waslu.

35.3.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill lis-Segretarju Eżekuttiv qed tagħmel l-arranġamenti kollha meħtieġa biex nhar il-Ġimgħa 16 u s-Sibt 17 ta` Ġunju 2017 isir il-ġarr għall-uffiċċju l-ġdid. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali approva t-talba tal-Kunsill biex f`dawn il-ġranet l-uffiċċju jinżamm magħluq. Minn nhar it-Tnejn, 19 ta` Ġunju 2017, il-Kunsill ser jibda jopera mill-uffiċċju l-ġdid li jinsab 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan.

35.3.3 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li ta` sikwit qed jintremew ħwejjeġ fejn hemm il-Bring-in-Site ta` Wesgħa Profs. Guze Aquilina. Għalhekk qed jipproponi li jiġi mpoġġi Bank tal-ħwejjeġ fejn jistgħu jiġu ddepożitati ħwejjeġ li m`għadx għandhom użu. Il-Kunsill unanimament jaqbel ma` din il-proposta.

35.3.4 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li hemm bżonn li jsiru *double yellow lines* tul ta` metru fil-kantuniera fi Triq Dun Spir Sammut ma` Triq Guze Bonnici għax qed jipparkjaw karozzi eżatt mal-kantuniera. Il-Kunsill unanimament qabel li jsiru *double yellow lines.*

35.3.5 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li resident li joqgħod fi Triq Guze Bonnici qed jissuġġerixxi li ssir *road*

*hump* fi Triq Guze Bonnici fl-akwati ta` Triq Dun Spir Sammut peress li karozzi u anke karozzi tal-linja qed jagħddu b`veloċita` bil-konsegwenza li ta` sikwit qed jolqtulhom il-karozza. Il-Kunsill unanimament qabel li naġġlikaw ma` Transport Malta biex issir *road hump.*

35.3.6.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li resident staqsa jekk hux possibbli li fejn kien hemm il-ħanut tal-*frames* fi Triq il-Kbira jsiru tliet (3) *parking bays* minnflok tnejn (2). Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-ħaddiema kienu diġa` marru jiċċekkjaw u nfurmawha li mhux possibbli li jsiru tlieta (3) għax jiġu wisq żgħar.

35.3.6.2 Il-Kunsillier Daniel Muscat issuġġerixxa li minnflok *parking bays* isiru linji bojod *dotted.* Il-Kunsill unanimament qabel.

## 35.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

35.4.1.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill proposta fil-qasam edukattiv ta` proġett pilota: *Pure Air Classrooms & Green Schools in Malta* imtella` mill-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta` Għada (kopja annessa). Dan il-proġett pilota diġa` sar fl-Iskola Primarja tal-Gżira.

35.4.1.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` qed jipproponi li dan il-proġett pilota jiġi implimentat fl-Iskola Primarja tal-Kulleġġ San Alwiġi. Il-Kunsilliera kollha qablu ma` din il-proposta u ġie deċiż li tiġi diskussa aktar fid-dettal aktar il`quddiem.

35.4.2.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` infurma lill-Kunsill li l-vannijiet tal-Hospice għadhom qed jipparkjaw fil-kaxxi bojod meta għandhom ir-*Reserved parking bay* qed tkun dejjem vojta. Is-Sindku qal li wara l-laqgħa tal-Kunsill li għaddiet kien kellem lil tal-Hospice dwar dan.

35.4.2.2 Ġie deċiż li jintalab permess minn Transport Malta sabiex titwaħħal tabella *Alighting and Boarding* bil-ħinijiet tal-ftuħ tal-Hospice, *Unrestricted Parking* fil-ħinijiet li l-Hospice ikun magħluq.

35.4.3 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` infurma lill-Kunsill bil-problema ta` karozzi li ta` kuljum jgħaddu bi *speed* qawwi minn Triq il-Ferrovija l-Qadima. Is-Segretarju Eżekuttiv se tinfurma lill-gwardjani lokali biex jinfurzaw.

35.4.4 Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li hemm bżonn li titwaħħal tabella *'No through road for vehicles (cul de sac)'* fi Triq il-Providenza qabel ma` ddur għal Triq Santu Rokku biex sewwieqa jkunu avżati lit-triq ma tinfidx. Se jintalab permess minn Transport Malta.

35.4.5 Il-Kunsillier Daniel Muscat infurma lill-Kunsill li avviċinah resident minn Triq Guze Bonnici, fejn qed jilmenta li hemm bżonn li jsir xi ħaġa fl-imsemmija triq għax ta` spiss jintlaqtu karozzi li jkunu pparkjati peress lit-triq dejqa u ma tippermettix li tkun *'two way'*. Ġie nnutat li din kwistjoni ta` *traffic management* u dan is-suġġett jiġi diskuss aktar il`quddiem u deċiżjoni tittieħed wara li r-residenti jiġu kkonsultati.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li tinbidel l-ordni tax-xogħol biex tiġi diskussa *item* 35.9 tal-Agenda qabel xogħol ieħor peress li kien hemm preżenti r-rappreżenta li tieħu ħsieb il-Kunsill Lokali Żgħażagħ biex tindirizza l-mistoqsijiet tal-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel unanimament u għadda biex jiddiskuti *item* 35.9.

## 35.9 Kunsill Lokali Żgħażagħ

35.9.1 Is-Sa Isabelle Mallia rappreżenta li tieħu ħsieb il-Kunsill Lokali Żgħażagħ kienet preżenti biex tindirizza l-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

35.9.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` staqsa jekk il-Kunsill Lokali Żgħażagħ jistax jagħmel konsultazzjoni pubblika mar-residenti mingħajr approvazzjoni tal-Kunsill u dwar il-mozzjonijiet li jistgħu jippreżentaw.

35.9.3 Is-Sa Mallia qalet li Kunsill Lokali Żgħażagħ ikunu jistgħu jikkonsultaw ma` żgħażagħ fil-lokalita` x`jixtiequ bħala żgħażagħ li jsir fil-lokalita` fuq *Youth Related Issues*. Il-Kunsill qatt ma jista` jiġi *by passed* f`ebda deċiżjoni. L-idea hi li jaraw il-bżonnijiet taż-żgħażagħ.

35.9.4 Dwar mozzjonijiet, is-Sa Mallia spjegat li l-Kunsill Lokali Żgħażagħ dejjem jitlob approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill Lokali Żgħażagħ m`għandu l-ebda *voting power* fil-Kunsill, deċiżjoni dejjem tittieħed mill-Kunsill Lokali.

35.9.5 Il-Kunsill irid jidentifika ż-żgħażagħ li huma nteressati li jkunu membri fil-Kunsill Lokali Żgħażagħ. Il-Kunsill irid jipprovdi post fejn il-Kunsill Lokali Żgħażagħ ikun jista` jiltaqa` darba kull ħmistax. Membru tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ jirrapporta lill-Kunsill dwar x`ikun se jsir mill-Kunsill Lokali Żgħażagħ. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali Żgħażagħ ma jistgħux jittellgħu mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill.

35.9.6 Il-Kunsill unanimament qabel li jiġu identifikati bejn ħamsa (5) u sebgħa (7) żgħażagħ bejn l-erbatax (14) u tmintax (18) –il sena biex jiġi ffurmat il-Kunsill Lokali Żgħażagħ.

F`dan il-ħin (5.45pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-6.00pm.

## 35.5 L-Ittra ta` Direzzjoni 2016 u r-Risposta tal-Kunsill

35.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-Ittra ta` Direzzjoni li ġġib id-data tad-9 ta` Marzu 2017 u r-risposta ssuġġerita tal-Kunsill li ġġib id-data tal-5 ta` Mejju 2017 (mehmuża). Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

35.5.2 Il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra ta` Direzzjoni u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex tkun tista` tintbagħat lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, lill-Awditur Ġenerali u lill-Udituri tal-Gvern Lokali.

## 35.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta` Rapporti

35.6.1 Rapport Finanzjarju għat-tliet xhur minn Jannar sa Marzu 2017
Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tliet xhur minn Jannar sa Marzu 2017 (anness).

35.6.2 Ir-Rapport ġie approvat unanimament.

## 35.7 Applikazzjonijiet dwar kjoskijiet li jarmaw fil-festa

35.7.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed il-file bl-applikazzjonijiet li rċieva l-Kunsill minn persuni li jixtiequ jarmaw kjoskijiet fil-festa u skeda bid-dettalji tal-applikazzjonijiet li rċevejna (mehmuża). Il-Kunsill unanimament approva l-applikazzjonijiet kollha.

## 35.8 Ġieħ Ħal Balzan

35.8.1 Kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, Ġieħ Ħal Balzan ser jingħata f`Jum Ħal Balzan, nhar il-Ħadd 25 ta` Ġunju 2017.

35.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-erba` (4) rebbieħa ta` dan il-premju ġew infurmati permezz ta` ittra. Huma rringrazzjaw lill-Kunsill ta` dan u kkonfermaw l-attendenza tagħhom għal dakinhar. Is-Sindku se jieħu ħsieb jordna rikordju biex jingħata bħala tifkira lir-rebbieħa tal-premju Ġieħ Ħal Balzan.

35.8.3 Il-programm għal dakinhar se jkun:

9:00am – Tlugħ tal-bandiera
9:30am – Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa
10:30am –Għotja tal-Premju ta` Ġieħ Ħal Balzan u *drinks* għand Fra Giuseppe Wine Bar

## 35.10 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

35.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill Ċirkulari mibgħuta mill-Planning Authority dwar kif jistgħu jintefqu l-fondi tal-UIF. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekkja dwar kif il-Kunsill jista` japplika għal dawn il-fondi.

35.10.2 Ġiet innutata *email* mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ħlasijiet ta` Sigurta` Soċjali u taxxa mill-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv iċċekkjat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni dwar dan, fejn ġiet infurmata li l-Kunsill għandu ammont ta` €108.01 dovut tas-snin bejn 2007 u 2016. Bi ftehim mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, dan l-ammont jitnaqqas għal €108.01 jekk jiġi mħallas sa Mejju 2017. Il-Kunsill qabel li l-ammont pendenti għandu jitħallas.

## 35.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

35.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 6/17 li ġġib id-data tad-29 ta` Mejju 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €18,827.82.

35.11.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 35.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

35.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.20pm.

35.12.2 Il-Laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 26 ta` Ġunju 2017 fl-4.00pm fl-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill li jinsab 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan.

Konfermati, illum it-Tnejn, 26 ta` Ġunju 2017.

IFFIRMATA

Nut. Ian Spiteri
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv